**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 4**

IL-ĦAMIS 13 TA' ĠUNJU 2013 FIL-5.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR
LAQGĦA B'URĠENZA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I Jum Ta' Xbiex

Is-Sindku Max Żammit fetaħ il-laqgħa billi tkellem rigward kif ħa tkun mqassma l-attivita ta' Jum ta' Xbiex li kienet se ssir nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju 2013.

Is-Sindku Max Żammit  tkellem dwar l-ispiża ta' l-Event Manager li jinkudi l-artisti, PA, dwal, l-palk, siġġijiet , armar u żarmar u  *coordination fee.*  Dan ammonta sa l-ispiża  ta' 2,200 Euros.  Hemm wkoll l-ispiża tas-*soprana* li kantant fil-Knisja għall- 60 Euros.  Apparti minn hekk hemm l-ispiża tal-*catering* li jammonta għall-650 Euros wara li tressqu 3 kwottazzjonijiet u ntgħazel *James Catering*.  L-ispiża tax-xorb ma tnizżilx peress li bir-*return*.  Qal wkoll li se nġibu l-*photographer* Gaffiero kif wkoll se jinkrew żewġ *mobile toilets*.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace issuġġerixxa li ssir *site plan* ta' kif se tkun il-pożżizzjoni ta' l-armar tal-palk, siġġijiet u l-mejda tal-*Catering*. Issuġġerixxa wkoll li nġibu pulizija biex iżommu l-*buon ordni*.

Is-Sindku Max Żammit. tkellem ta' kif se jkun mqassam l-programm.  Huwa qal l-ewwel se jkun hemm quddiesa fil-parroċċa ta' San Gwann tas-Salib, Ta' Xbiex. Wara s-Sindku u l-Kunsilliera se jibqħhu sejrin flimkien ġo ż-żewg kazini politici jiġifieri tal-Każin tal Labour u l-Kazin tan-Nazzjonalisti fejn jieħdu *drink* minn hemm.  Wara s-Sindku u l-Kunsilliera jibqgħu sejrin fejn il-funtana fejn kienet se ssir is-serata.  Is-Sindku indika li sab ftit spazju wkoll għat-talent ta' xi tfal minn Ta' Xbiex  biex jieħdu sehem wkoll fis-serata.

Għalkemm il-Kunsill approva li l-budget tal-infiq ta' Jum ta' Xbiex ikun ta' madwar 5000 Euros  jidher li l-Kunsill se jżomm ma din iċ-ċifra li ma tinqabiżx.

Il-Laqgha spiċċat fis-6.45pm u ġie deċiż li l-Laqgħa Uffiċċjali tal-Kunsill se ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2013.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekutt